# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu 2002

## Avviz numru : 19/2002GT(GM)

**Caruana and Cini Company Limited**

**vs**

**Joseph Attard**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Illi l-konvenut xtara diversi kwantitajiet ta' materjal ghal xoghol ta' kurrent elettriku u ilma minghand is-socjeta' attrici.**

**Illi hija dovuta s-somma ta' tlett mija u sitta u erbghin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm346.67) kif jirrizulta minn anness statement.**

**Illi minkejja diversi interpellazjonijiet u minkejja diversi promessi il-hlas baqa' ma sarx.**

**Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan il-bilanc flimkien ma l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja cioe' 20 ta' Gunju 2001 sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u dawk tal-ittra interpellatorja datata 27 ta' Marzu 2001 u tal-ittra ufficjali spedita f'Gunju 2001."**

**Ra r-riferta pozittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fil-21 ta' Marzu 2002, u dik tallum ;**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' rapprezentant tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut u ra d-dokumenti esebiti;**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghal hlas ta' tlett mija u sitta u erbghin lira Maltija u sebgha u sittin**

**centezmu (Lm346.67), bl-imghax legali mill-20 ta' Gunju 2001 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lis-socjeta' attrici quddiem dan it-Tribunal, tal-ittra interpellatorja tas-27 ta' Marzu 2001 u l-ittra ufficcjali ta' Gunju 2001 a kariku tal-konvenut**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**